# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 11/2017 MH**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2018**

**Gilbert u Natasha konjugi Lia**

**(detenturi tal-karti tal-identita 535980m u 46272m rispettivament)**

**vs**

**(i) Avukat Generali;**

**(ii) Chairman tal-Awtorita' ghal-protezzjoni tal-Embrijuni, u in rapprezentanza tal-istess Awtorita.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali**[1] tal-atturi li gie prezentat fid-9 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu espona:

[1] Folio 1

i. *"Illi l-esponenti, izzewgu nhar l-20 ta' Mejju 2012 (kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala* ***DOK 1)****, u filwaqt li saru diversi tenattivi sabiex ilkollhom ulied b'mod naturali, wara li inghataw pariri medici, gie stabilit li l-ahjar, u probabiment l-unika triq li ghandhom sabiex ikollhom familja taghhom huwa li jirrikorru ghal procedura ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku (minn hawn il-quddiem 'procedura');*

ii. *Illi nhar is-27 ta' Novembru 2014, u cjoe' meta l-esponenti Natasha Lia kienet lahqet l-eta' ta' tnejn u erbghin (42) sena, hija ghamlet trattament gewwa l-isptar Mater Dei, li izda sfortunatament tali ma' kienx konkluz b'success;*

iii. *Illi in vista tas-suespost, permezz tat-tabib Dr Josie Muscat MD, nhar il-31 ta' Awwissu 2015, saret talba lill-Awtorita' ghall-Protezzjoni tal-Embrijuni (minn hawn il-quddiem 'l-Awtorita'') sabiex l-esponenti ikollha access ghall-procedura, senjatament*

> *"Before starting any treatment, your kind permission is requested as to whether she will be given the go ahead to have another (procedure) in November 2015"*
>
> *(Kopja tal-komunikazzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK 2****)*

iv. *Illi da parti taghha, l-Awtorita nhar l-14 ta' Settembru 2014 irrifjutat it-talba tal-esponenti, fejn inter alia stqarret li,*

*With reference to the attached scan and the below communication, EPA discussed your case as presented.*

*However, EPA is still bound by the present law as it is today, whilst also cannot deviate further from the Protocol terms as stated in Chapter 6 of the said Protocol. In respect of this, EPA unanimously decided that the request cannot be approved.*

*(Kopja tal-komunikazzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK 3**)*

v. *Illi sussegwentement ghal dan, l-esponenti ghamlu varji tenattivi sabiex jikkomunikaw mal-Awtorita', izda u f'kull kaz qatt u fl-ebda hin ma' inghataw spjegazzjoni u/jew risposta mill-Awtorita;*

vi. *Illi konsegwentement, l-esponenti intavolaw Ittra ufficjali (1168/2016) fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, nhar l-4 ta' April 2016, fejn inter alia ghamlu referenza ghall-fatt li l-azzjonijiet (jew in-nuqqas taghhom) da parti tal-Awtorita u l-Avukat Generali qed jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, kif tabilhaqq protetti mill-konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem (Kopja tal-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK 4**);*

vii. *Illi permezz ta' ittra ufficjali ohra, intavolata ukoll fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-Avukat Generali u l-Awtorita stqarru li,*

> *" ...ghandkom tkunu tafu illi l-istess Awtorita' hi ggwidata mill-Protokoll stabbilt bl-operat tal-ligi principali u bl-approvazzjoni ta' esperti medici fil-qasam specifiku"*
>
> *(Kopja tal-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK 5**);*

viii. *Illi minkejja s-suespost, l-agir tal-Awtorita huwa wiehed li jnissel trattament **inugwali**, **diskriminatorju** u wiehed li **jimpatta negattivament fuq id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u familja** tal-esponenti, u dana inter alia stante li,*

***L-EWWEL*** *L-esponenti jissodisfaw pjenament ir-rekwiziti ta' artikolu 2 tal-kap 524 tal-ligijiet ta' Malta, in kwantu ghad-definizzjoni ta' Genitur Prosepttiv*

> *(Genitur Prospettiv tfisser wiehed jew wahda minn zewg persuni tas-sess oppost li huma marbutin bir-rabta taz-zwieg, jew li jkunu lahqu l-eta magguri u li huma f'relazzjoni stabbli ma' xulxin);*

***IT-TIENI*** *Ma' hemm l-ebda projbizzjoni, anzi ghandu jkun hemm facilita sabiex* **kull** *genitur prosettiv ikollu (definit aktar kmieni) access ghal proceduri ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku, u dana kif indikat espressament minn artikolu 5 tal-kap.524 tal-ligijiet ta' Malta - liema artikolu jimponi limitazzjonijiet biss in kwantu ghall-fatt li ghandhom isiru proceduri biss fejn ikun hemm cans ragonevoli ta' success (Fil-kaz odjern hemm cans ragonevoli ta' success,*

*liema cans kien iccertifkat mit-Tabib tal-esponenti, liema cans pero safa impunjat [mill-kumdita ta' wara l-iskrivanija] mill-Awtorita);*

ix. *Illi l-istess haga ghandu jinghad fil-konfront tal-Avukat Generali, u dana minkejja li fl-ittra ufficjali diga ipprova jezonera lilu innifsu minn kwalsiasi imputabbilita, u dana peress:*

***L-EWWEL*** *Il-koncessjoni moghtija u indikata inter alia f'artikolu 6 tal-Kap. 524 tal-ligijiet ta' Malta [lill-Awtorita], senjatament li jigi formulat Protokol bil-ghan li jservi bhala binarju ghas-settur, hija koncessjoni li dejjem u f'kull kaz ghandha thares il-ligijiet, u fin-nuqqas il-Gvern ghandu immedjatament jintervjeni sabiex jirtira tali koncessjoni u/jew jbiddel l-kostituzzjoni tal-Protokol – Gialadarba l-Gvern naqas milli jaghmel dan, allura ghandu jinghad li l-Protokol (li jsir permezz ta' koncessjoni legali) ghandu l-approvazzjoni ukoll tal-Gvern;*

***IT-TIENI*** *f'kull l-ahhar tas-sena il-Gvern jigi moghti kopja ta-rapport li fieh jigi indikat kull darba b'mod car hafna li l-eta permessibi sabiex issir il-procedura hija dik ta' bejn il-hamsa u ghoxrin sena (25) u tnejn u erghbin sena (42), u minkejja li kull darba kien qieghed jigi fornit b'tali infromazzjoni mill-Awtorita, l-Gvern naqas milli jaghmel dak li kien mistenni minnu u jwaqaf id-diskriminazzjoni li twieldet permezz tal-protokoll sopracitat;*

x. *Illi ghalhekk gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti ghar-rispett tal-hajja private u familja taghhom, kif ukoll gew vjolati id-drittijiet u libertajiet li kellhom jigu assigurati minghajr diskrimazzjoni, liema drittijiet vjlati jinsabu protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkordalha r-rimedji Kostituzzjonali spettanti lilha skont il-ligi fosthom is-segwenti:*

1) *Tiddikjara li d-decizjoni tal-Awtorita ghall-protezzjoni ta' Embrijuni in kwantu ghall-fatt li tirrifjuta t-talba tal-esponenti sabiex ikollha access ghall-procedura ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku hija nulla u bla effett, stante li din tikser id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, senjatament Artikolu 8 u Artikolu 14 tal-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja, tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara li l-promulgazzjoni tal-Protokol mill-Awtorita ghall-Protezzjoni ta' Embrijuni u kif konsentit mill-Avukat Generali, in kwantu ghall-fatt li huwa biss permissibli li jsiru proceduri ta' prokreazzjoni assistiti b'mod mediku bejn l-eta ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u tnejn u erbghin (42) sena qed jiksru id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, senjatament Artikolu 8 u Artikolu 14 tal-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja, tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3) *Tordna lill-Awtorita ghall-Protezzjoni ta' Embrijuni sabiex immedjatment taghmel l-ezamijiet medici sabiex jigi stabilit jekk il-procedura mitluba mill-esponenti Natasha Lia tinvolviex xi riskji ohra (apparti dak diga maghrufa) fuq is-sahha tal-mara jew tat-tfal, u f'kaz li jigi stabilit li ma' hemmx xi riskji zejda, tinghata l-awtorizazzjoni immedjata sabiex isir il-procedura rikjesta;*

4) *Tiddikjara li l-intimati, jew minn minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti bhala rizultat tal-vjolazzjoni tad-Drittijiet Fondamentali taghha;*

5) *Tillikwida l-ammont dovut bhala Danni;*

6) *Tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, ihallsu d-danni fis-somma hekk likwidata;*

7) *Taghti kull provvediment iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u opprtun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew minn minnhom, inkluz dik tal-ittra ufficjali 1168/2016."*

Rat **ir-risposta**[2] tal-Avukat Generali u tac-Chairman tal-Awtorita' ghal-protezzjoni tal-Embrijuni li giet prezentata fis-27 ta' Marzu 2017 li permezz taghha espona:

*"Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens illi allegatament bir-rifjut tal-permess da parti tal-Awtorita' esponenti sabiex isir trattament ulterjuri fuq*

[2] Folio 32

*Natasha Lia relattiv ghal prokreazzjoni assistita b'mod mediku "gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti ghar-rispett tal-hajja privata u familjari taghhom, kif ukoll gew vjolati id-drittijiet u libertajiet li kellhom jigu assigurati minghajr diskriminazzjoni, liema drittijiet vjolati jinsabu protetti Artikolu 8 u 14 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-ghoti jew cahda ta' talba ghall-procedura ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Avukat Generali u l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax allegazzjoni li xi ligi hija anti-Kostituzzjonali u anti-Konvenzjonali izda tirrigwarda l-promulgazzjoni tal-Protokoll mill-Awtorita' esponenti bil-konsegwza li l-esponenti Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-intimat l-iehor jistgha adegwatament jirrispondi ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom fil-forma ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal-Awtorita' esponenti. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistidnu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai*

*termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

***Ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja***

3. *L-esponenti jecepixxu illi ghalkemm l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu madanakollu f'kazijiet illi jikkoncernaw minuri, fil-kaz odjern prokrejazzjoni assistita, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jiehdu in konsiderazzjoni l-ahjar interessi tal-minuri.*

4. *Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk kellu jigi meqjus minn dina l-Onorabbli Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta' dan id-dritt l-esponenti jeccepixxu li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu ta' l-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-ligi u mehtieg f'socjeta' demokratika.*

5. *Illi r-rikorrenti qed jilmentaw li l-fatt li l-Protokoll tal-Awtorita' jipprovdi li l-proceduri ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku hija disponibbli ghal nisa li jkollhom bejn il-hamsa u ghoxrin sena u tnejn u erbghin sena hija leziva tad-dritt protett permezz tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-esponenti jirrilevaw li dan il-Protokoll gie mfassal wara konsultazzjonijiet mal-esperti fil-qasam tal-obstetrija u pedjatrija fejn huwa ndiskuss il-fatt li l-perjodu prokreattiv ta' mara jibda jonqos fuq il-medda tas-snin u meta mara taghlaq it-tnejn u erbghin sena l-possibilitajiet li tipproduci bizzejjed gamates anke*

*b'mod assistit jonqos hafna. Din l-eta' tirrifletti wkoll l-eta' stabbilita b'mod internazzjonali bhala l-massimu ghal dan it-tip ta' trattament.*

6. *Illi dak illi huwa imperattiv fil-kunsiderazzjoni ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa jekk, jekk fid-decizjoni tal-Awtorita' esponenti liema decizjoni tirrifletti dak li nsibu fil-Protokoll u l-Protokoll fih innifsu, nzamx dak il-bilanc gust bejn l-interessi kunfliggenti u cioe' bejn l-interessi pubblici u dawk privati tar-rikorrenti. Illi minn qari tal-Protokoll jinzel li l-Protokoll jikkontjeni kriterji cari rigward l-eta' tal-mara li tista' tippartecipa fil-procedura u wara kemm-il ciklu ta' trattament jista' t-tabib inkarigat jiddeciedi li jiffertilizza sa massimu ta' tlett celloli tal-bajd. Illi dawn il-kriterji huma maghrufa mat-tobba li jahdmu fil-qasam tal-ostetrija u li jgibu tali kriterji a konoxxenza tal-persuni li jkunu qeghdin jassistu. Illi certament li l-kriterju tal-eta' kif stabbilit fil-Protokoll jissodisfa t-test taz-zamma tal-bilanc gjust bejn l-interessi kunfliggenti meta wiehed iqis li l-hsieb wara dan il-kriterju huwa l-protezzjoni tas-sahha pubblika fuq naha wahda u l-assistenza lir-rikorrenti fuq in-naha l-ohra u dan fl-isfond tal-protezzjoni tal-ahjar interessi tal-minuri.*

*Illi isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.*

***Ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

7. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u cioe' l-ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jindikawx fuq liema kawzali jew stat huma allegatament gew diskriminati. Illi ghalhekk fuq dawn ir-ragunijiet biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat.*

8. *F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'.*

9. *Di piu, l-esponenti jissottomettu illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.*

   *Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli u ghaldaqstant, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

11. *Bl-ispejjez."*

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri.

Semgħet il-provi.

Rat in-noti lillha presentati u semgħet it-trattazzjonijiet.

Qieset li din il-kawza ġiet imħollija għad-data tal-lum għad-deċiżjoni finali.

Ikkunsidrat

Tressqu żewġ eċċezzjonijiet preliminari mill-intimati li pero qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqies ikun opportun li wieħed jagħti suċċint ta' l-isfond fattwali li wassal għal din il-lanjanza, dan dejjem mill-provi miġjuba quddiema.

Għalhekk ir-rikorrenti **Natasha Lia** tgħid bil-gurament illi wara l-ewwel prova li falliet ta' prokreazzjoni assistita, hija u żewgha kienu tramite Dr. Josie Muscat, wara li sarulha testijiet appositi, talbu lil Awtorita' intimata għal permess għat-tieni ċiklu ta' prokreazzjoni assistita. Dan ġie rifjutat lilhom kif turi l-email esebita[3]. Xehdet li l-ewwel *cycle* hija għamlitha ftit qabel ma għalqet l-eta' ta' 43 sena li meta talbet it-tieni permess kienet ġia skorriet din l-eta'.

Spjegat illi minħabba nuqqas ta' finanzi ma setgħetx tkompli bit-tieni ċiklu fi Spanja[4], wara r-rifjut mill-Awtorita' Maltija, u għalhekk fetħet il-kawża odjerna għaliex kienet tħoss indħil mingħand l-Istat meta hi setgħet ikollha t-tfal, li kienet qed tiġi għalhekk ukoll diskriminata inkwantu finanzjarjament ma kienetx f'qagħda li tkompli l-proċeduri barra minn pajjiżna fejn allura ma kienx hemm l-intopp ta' l-eta'. Waqt iż-żmien li ddeponniet kellha l-eta' ta' 45 sena.

**Ġia mill-*email* esebita mir-rikorrenti jidher li l-Awtorita' żammet il-kunsens tagħha għat-tieni ċiklu a bażi tal-Kapitolu 6 tal-Protokoll kif stabbilit bil-liġi.**[5]

---

[3] Folio 52.
[4] Ma fejn wara r-rifjut lokali kienet bdiet kuntatt u anke bdiet isseġwi l-proċeduri lilha ndikati minn entita' estera.
[5] Enfasi tal-Qorti.

Żewgha **Gilbert Lia** kien fil-fatt ta' l-istess ħsieb kif espress minnu fl-affidavit tiegħu[6]. Qal li għalkemm mhux direttament espress it-tieni ċikklu ġie rifjutat lilhom minħabba l-eta' ta' martu għax kellha aktar minn 42 sena. Qal li huma kienu ġew diskriminati għax ma kienetx tezisti liġi oħra li kienet timponi eta' ta' meta wieħed seta' jkollu t-tfal. Qal li bdew anke proċeduri ma Spanja għat-tieni ċikklu imma li ma l-ewwel xahar kienu ġia nefqu s-somma ta' ħamest'elef ewro, spiża li għalihom ma kienetx sostenibbli minħabba li martu kienet *teacher* u hu pulizija. Għamlu anke t-tielet talba lil Awtorita' pero bħal martu jgħid li baqgħu bla risposta.

Qal li kien diskriminat ħdejn minn seta' jsiefer u jagħmel dawn il-proċeduri barra minn Malta. Qal li għandu jkun ezami mediku appositu li jiddetermina l-eliġibilta' tagħhom għat-tielet ċiklu u mhux il-karta ta' l-identita' ta' martu.

Xhud għar-rikorrent **Dr.Josie Muscat** esebixxa dokumenti[7] li kienu juru skontu li kemm fl-ewwel ċiklu ukoll fit-talba sussegwenti li saret lil Awtorita', Natasha Lia kienet għadha kapaċi toħroġ tqila; kellha skontu riserva u kwalita' tajba ta' bajd (ova)[8]. Fl-istess ħin igħid li żewgħa r-rikorrenti kien perfett.

Spjega li għalkemm l-Awtorita' ma tagħtux raguni għar-rifjut dan kien determinat mir-regoli imposti minnha dwar l-eta' tal-mara dawk ta' minimu ta' 25 sena u massimu ta' 42 sena. Qal li wasal għal konklużjoni li r-rifjut kien ibbażat fuq l-eta' mhux għax l-*email* mibgħuta kienet tgħid hekk imma għaliex ma kien hemm ebda raġuni oħra għal dan.

Senjatament dan ix-xhud jgħid li Natasha Lia kienet tissodisfa kull kriterju biex tersaq għal proċedura ta' prokreazzjoni assistita imma kellha l-ostakolu tar-regolamenti li **għamlet l-Awtorita'**[9]**.** Spjega li l-liġi mkien ma kienet isemmi

[6] Folio 323
[7] Folio 51 et. Seq.
[8] Folio 38; ova.
[9] Enfasi tal-Qorti.

ebda etajiet u dawn ġew stabbilit biss bil-Protokoll maħluq vera taħt l-istess liġi pero mill-Awtorita'.

Da parti tagħha **Simone Attard** bħala Direttur Eżekuttiv tal-Embryo Protection Authority qalet li l-ewwel darba li l-kumitat maħtur dak iż-żmien mill-Ministeru tas-Saħħa ġie in kuntatt mar-rikorrenti kien f'kaz ta' *prioritisation authority* fejn il-koppja kienet talbet biex tagħmel il-proċedura tal-prokreazzjoni assistita tramite l-NHS ġewwa Mater Dei u kienet irrankjat l-ewwel in kwantu għall fatt li l-mara ġia kienet se tagħlaq 43 sena fl-għoxrin ta' Diċembru ta' dik l-istess sena.

Qalet li l-*embryo transfer* seta jsir sa ġurnata qabel il-mara tagħlaq 43 sena, dana skont il-kapitolu 6 tal-Protokoll maħruġ mill-istess Awtorita'.

Żiedet li anke minħabba l-eta' fil-każ tar-rikorrenti ġie awtorizzat[10] li jiġu fertilizzati tlett ova minflokk tnejn, dejjem pero għax kien permisibbli bil-liġi li jsir dan.

Qalet li pero din l-*implantation* ma kienetx waħda ta' suċċess. Għalhekk fl-14 ta' Settembru reġa' telgħet *request* quddiem il-bord u dana ma ġiex milqugħ ghaliex fi kliem ix-xhud Natasha Lia *"Kienet above the maximun age."*[11]. Fuq domanda tal-Qorti dan ir-rifjut kellux xi raġuni oħra, b'mod skjett wieġbet li kien biss minħabba l-eta'.[12]

Dwar il-Protokoll spjegat li *"....kien sar protokoll l-awtorita' kienet ġiet imwaqqfa fl-elfejn u tlettax (2013), saru ħafna meetings sakemm ħareg l-protokoll u ġie presentat il-palament skont il-liġi f'Settembru, 2013. Dan sar wara diskussjonijiet kemm mal-assoċjazzjoni tal-pediatrics, assoċjazzjoni tal-gynaecologists u obstetricians u stake holders oħra, jinkludi dawk ukoll li kienu*

[10] Mill-istess Awtorita'
[11] Folio 100
[12] Ibid.

*diġa joperaw fl-IVF privat. Jiġifieri dan ma sarx bejn l-membri tal-awtorita' biss, dan sar in conjunction kif titlob il-Liġi stess."* .

Insistiet li nonostante li l-artikolu tal-Protokoll invokat juża l-kelma *desirable* fil-konfront ta' l-etajiet hemm stabilliti, li pero d-deċiżżjoni ta' rifjut kienet ibbażata biss fuq dan l-artikolu. Ikkonfermat lil Protokoll għadda anke minn approvazzjoni parlamentari.

Il-Protokoll jinsab esebit fl-atti.[13]

Ġiet ukoll fil-mori preżentata nota ta' l-intimati (dan in segwitu għal domandi li saru lil **Simone Attard**) li turi l-professjonisti li ġew konsultati sabiex ġiet stabbilta' l-eta' mniżżla fil-Protokoll.[14]

Mressqa mill-intimati **Simone Attard** spjegat illi barra mill-limitu ta' l-eta' ta' 42 sena dejjem sar rifjut mill-Awtorita' għal kull applikazzjoni. Xehdet li l-Awtorita' rrifjutat kemm ilha kostitwita għaxar applikazzjonijiet, erba' ta' nisa li kienu 'il fuq mill-eta ta' 42, erba' fejn in-nisa kienu inqas minn 25 u żewg kazijiet oħra fejn il-koppja ma kienetx ġo relazzjoni stabbli. Semmiet ukoll każ ieħor ta' embrijun friżat barra minn Malta.[15]

Insistiet ma l-Avukat difensur tar-rikorrenti li għand l-Awtorita' da parti tar-rikorrenti wasslu biss żewġ talbiet għal prokreazzjoni assistita, bl-aħħar waħda li qalgħet il-lanjanza eżaminata, u mhux tlieta kif baqa insitenti magħha hu.

Esebiet ukoll dik minnha msejjħa bħala lista ta' kriterji li kellhom jiġu segwiti biex jingħata l-permess mill-Awtorita', liema kriterji ġew imfassla mir-

[13] Folio 177
[14] Folio 351.
[15] Dok SA esebit minna a folio 402

rappresentanti li ġew ikkonsultati: għalhekk Dr.Mark Sant, Dr.Mark Formosa, Dr. Paul Soler u Dr. Joe Mizzi, l-ewwel tnejn in rappresentanza tal-*Malta College of Obstetricians and Gynaecologists u* l-oħrajn għal *Malta Pediatric Association*.[16]

In kwantu għalhekk ġie identifikat il-**Profs Mark Brincat.** dan xehed illi l-qafas tal-każ in eżami kien il-kunċett ta' *ageism*. Għalkemm ma jaqbilx mal-liġi fit-totalita' tagħha fil-fatt sejħilha waħda drakonjana għaliex ma kienetx tippermetti donazzjoni, *sperm donation* u *surrogacy*, qal li kien ġie kkonsultat dwarha pero li mhux neċessarjament għaddiet tiegħu. Dwar il-kwistjoni ta' l-eta', fil-każ tagħna dik ta' massimu tal-mara ta' **42 completed years,** qal li hu ma kienx daqshekkk kritiku ta' l-etajiet li ġew imposti għaliex jekk jinġabar bajd minn mara li għandha 43 sena ic-*chance*s huma li se jkunu ta' kwalita' ħazina jiġifieri s-*success rate* ha tkun fqira. Hija baxxa ħafna xi 4-5%, allura skontu permess dan il-*harvesting* jista' jidħol elememt ta' *exploitation*, ħaga li ma ridetx il-liġi. Qal li kien meħtieġ li jiġu protetti nisa minn *exploitation* u l-impatt negattiv psikoloġiku anke jekk forsi mhux intenzjonata.

Il-kritika li wera dan ix-xhud lejn il-Protokoll huwa mhux tant għal eta' massima, imma għal fatt li lanqas kien permess illi mara li minħabba saħħa ma setgħetx tgħaddi mill-proċedura mixtieqa ta' *implantation* pero kellha l-embrijuni friżżati darba li leħqet l-eta' massima u saħħitha kienet tippermetti l-impjant, dan minħabba l-eta' ma kienx permess għalija dan. Fil-fatt kien kritiku għal din l-eta' mposta li ma kienetx tippermetti liberta' u diskrezzjoni f'idejn il-mediku. Ikkonċeda ukoll li jekk mara ta' 43 jkollha riserva ta' bajd tajjeb għandha allura jkollha dritt li wara konsultazzjoni mat-tabib tagħha tiddeċidi jekk tipproċedix jew le basta ma jkunx hemm element ta' *exploitation.*

**In ġenerali pero kien xetiku dwar mara ta' ċertu żmien li tgħaddi mill-proċedura ta' prokreazzjoni assistita.**

[16] Dok SA1 folio 403

Ġew esebiti mill-partijiet diversi dokumenti li juru varji statistika tul medda ta' snin dwar tqala, wild u etajiet ta' l-ommijiet.[17]

Da parti tagħhom l-intimati ressqu żewg affiadivits identiċi ta' żewġ tobba t-tnejn konsulenti fil-obstetika u ginekologija; **Dr.Mark Sant u Dr. Mark Formosa.**

It-tnejn qabblu illi t-trattament li trid tirċievi mara biex isir din it-tip ta' prokreazzjoni jista jkollu effett negattiv bħal ma hu dak ta' OHSS, jigifieri *hyper stimulation syndrome* li tista ġġib magħha kumplikazzjonijiet serji. Semmew kumplikazzjoni oħra bħal ma hu telf ta' demm mill-*puncture sites* fuq l-*ovaries*, ħsara fil-musrana u infezzjonijiet.

Qalu li stante li l-ligi u l-Protokoll kienu jeskludu *donor gametes* għalhekk l-użu tal-bajda tal-mara parti mill-koppja **biss, għalhekk kien hemm l-eta' massima stabbilita'.**

Qalu li l-użu ta' l-eta' massima ta' 42 skont il-Protokoll kienet dettata miċ-ċans li l-użu ta' bajd ta' mara ta' dik l-eta' kien jagħti biss ċans zgħir ta' suċċess. *"….f'nisa ta' eta aktar minn 42 sena, ma ttikx rizultat tajbin."* [18].

Qabblu li r-raguni għala barra minn Malta l-eta' massima kienet aċċetata f'ċertu pajjizi għal dik ta' ħamsin, jew addirittura ma kienx hemm eta' massima stabbilita' kienet għax kien permess l-użu ta' *donor gametes*.

[17] Martina Pace folio 368 et seq Dok MP1-3; DOK DG a folio 316 et. seq; folio 347 et seq.;
[18] Folio 376.

B'żieda ma dan qalu ukoll illi mill-lat mediku mara ta' 42 sena jkollha ċans ta' 10% u anqas li toħrog tqila minn prokreazzjoni assistita. Dejjem jekk jkun qed jsir użu tal-bajd tagħha stess.

Semmew riskji ta' *miscarriages,* bżonn ta' stimulazzjoni b'riskji kbar. Taw persentaġġ ta' 73% ta' wild **anormali**[19] meta mara li jkollha 'l fuq minn 40 sena tuża l-bajd tagħha stess biex toħrog tqila. Ukoll li skont l-istatistika mara li jkollha aktar minn 42 sena jkollha anqas minn 10% ċans illi toħrog tqila.

**Dr.Paul Soler** huwa pedjatra li ukoll ġie ikkonsultat biex ġie redatt il-Protokoll attakat. Jgħid li meta l-omm tkun avvanzata fi żmien tqala iġib kumplikazzjonijiet kemm għaliha kif ukoll għat-tarbija. Għalkemm kif stqarr hu ma kien ginekologu, reġa semma r-riskju ta' *hyper stimulation syndrome,* apparti problemi mediċi varji oħra ta' natura xejn **negliġibbli.**

Fiehem li din is-*syndrome* hija kkaġunata mil-fatt li mara li f'ċiklu normali tipproduċi bajda waħda biss, meta tkun se issir il-proċedura ta' prokreazzjoni assistita, il-mara tirċievi stimulu, fi kliemu proċess kumpless[20], biex allura f'ċiklu wieħed jiġu prodotti numru ta' *ova* biex b'hekk jiġu *harvested* aktar bajd. Spjega li minħabba dan it-trattament mara ikollha riskji ta' eċċess ta' ilma ġo zaqqa, ġol-pulmun, lil kliewi jistgħu jfallu; kollox fi kliemu *life threathening*[21]. Għalkemm dan kien rari qal li dan mhux esklużi anke magħduda mal-fatt lil mara jkollha eta' avvanzata.

Dwar ir-rwol tiegħu fil-konfront tal-Protokoll qal li hu kellu biss wieħed konsultattiv senjatament dwar il-kontroll ta' *multiple births*. Żid lil Protokoll Malti ġie mfassal fuq dak Ingliz. Fiehem illi l-eta' *cut off* ta' 42 sena hija maħsuba għax il-benefiċċji huma aktar tqal mir-riskji għax wara li mara taqbez

[19] Enfasi tal-Qorti.
[20] Folio 383
[21] Ibid.

l-eta' ta' 42 sena ir-riskji jiżdiedu b'tali mod li allura tinħtieġ attenzjoni u skrutinju aktar; dan skontu kien ibbażat fuq studju xjentifiku.

Qal li l-eta' fl-omm kienet iżid ir-riskji għaliha u għat-tarbija mhux biss f'kaz ta' prokreazzjoni assistita imma anke fi tqala normali.

In kontro-ezami dwar l-użu tal-kelma *desirable* fil-Protokoll wieġeb li dak li wieħed kien jaspira li jkun l-ottimu mhux li ma tistax tmur oltre. Insista lil Protokoll kien jagħti *guide lines* u ma kellux ikun ta' interpretazzjoni ristrettiva.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**

Illi n linea fattawali l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stane li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti;

Illi in linea preliminari, igħidu li l-għoti jew ċaħda ta' talba għall-proċedura ta' prokreazzjoni assistita b'mod mediku ma taqax fil-mansjonijiet u responsabilitajiet ta' l-Avukat Generali u l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax allegazzjoni li xi liġi hija anti-Kostituzzjonali u anti-Konvenzzjonali iżda tirrigwarda l-promulgazzjoni tal-Protokol mill-Awtorita' esponenti bil-konsegwenza li l-esponenti Avukat Generali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-intimat l-ieħor jista adegwatament jirrispondi għat-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Leġittimu kontradittur.**

Tqies li mill-qari tar-rikors promotur huwa ċar illi r-rikorrenti jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn il-mod kif imxiet l-Awtorita' meta segwit il-Protokoll minnha stabbilit bis-saħħa ta' l-artikolu 6 tal-Kap 524 tal-Liġijiet ta' Malta. L-

attakk huwa bla dubbju dirett lejn l-interpretazzjoni mogħtija mill-Awtorita' lil-Protokoll imsemmi, tant li r-rikorrenti jinsisti li kellu u għandu jkun il-Gvern li jintervjeni jekk dan l-istess Protokoll ikun b'xi mod lesiv. Oltre hekk u marbuta sfiq ma l-istess jinsistu li ġialadarba l-Gvern annwalment jiġi mogħti rapport li fih hemm indikat b'mod ċar l-etajiet permissibbli għal prokreazzjoni assistita, l-Gvern naqas li jieħu passi biex jegħleb din id-diskriminazzjoni ta' l-etajiet. Għalhekk ir-rikorrenti jorbtu dan in-nuqqas ma l-aġir passiv ta' l-Avukat Ġenerali fir-rigward in kwantu allura tifhem il-Qorti li jgħabbu lill-istess bir-rappresentanza tal-Gvern fil-kamp leġislattiv.

Jibda biex jingħad illi mill-qari ta' l-artikolu 6 tal-Kap 524 illi l-Awtorita' hija mogħnija bis-setgħa li tistabilixxi Protokoll wara debita konsultazzjoni liema Protokoll għandu jinkludi kriterji ċari rigward l-eta' tal-mara li se tippartecipa fil-proċedura ta' prokreazzjoni assistita fost kriterji oħra.

L-istess Liġi fl-artikolu 4 tal-Kap 524 tistabilixxi b'mod ċar u lampanti il-funzjonijiet u setgħat ta' l-istess Awtorita'.

L-eċċezzjoni fir-rigward ta' l-Avukat Generali ssib il-bażi tagħha fl-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi; -

*"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*"Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*"(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*"(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*"(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti*

.

*"(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta ċar li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rappreżentazzjoni mhux possibbli minħabba n-natura tat-talba, allura huwa l-Avukat Generali li għandu jidher għal u jġawdi rappreżentanza residwa ta' l-istess Gvern

Ingħad fil-każ fl-ismijiet **Kenneth Brincat vs Avukat Generali et** deciza fl-10 ta' Jannar 2013 -

*"Illi kif inghad fis-sentenza "**Raymond Gauci vs Il-Pulizija et**" (P.A. (S.K) (RCP) "ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz talAtt XXIV tal-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita' r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajjma…"*

Ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appel fl-ismijiet **Reginald Grech et. Vs Onor. Ministru ghat-Trasport et**.[22] intqal:-

*"Taħt l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, "l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern". Ladarba f'din il-kawża ġie mħarrek il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura f'isem il-gvern – bla ħsara għall-kwistjoni (ladarba ma tqanqlitx) jekk tħarrikx sew il-ministru billi taħt l-istess art. 181B f'ebda każ ma għandu jkun ministru li jirrappreżenta lill-gvern fl-azzjoniiet ġudizzjarji – l-Avukat Ġenerali tħarrek għalxejn u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju."*

Issir ukoll referenza għal dak li ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmelo Grech et. vs l-Awtorita' tad-Djar et.**

*"5. Konvenut f'din il-kawża la huwa l-Awtorità Intimata u lanqas l-Avukat Ġenerali; il-konvenut huwa l-Gvern ta' Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta' Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-Awtorità Intimata, iżda min għandu jidher f'isem il-Gvern ta' Malta. Dwar dan, il-liġi, fl-art. 181B tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il- "kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

[22] Deċiża fit-8 ta' Jannar, 2018 rikors Kostituzzjonali nru. 42/2014/1/LSO

*6. Fil-każ tal-lum l-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal- ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni, materja llum fil-kompetenza tal-Awtorità Intimata li, għalkemm mhix dipartiment tal-gvern, għandha r-responsabilità ta' setgħat governattivi u għalhekk tintlaqat bl-art. 181B fuq imsemmi.*

*7. Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss in-notifika tiegħu." [sottolinear tal-Qorti]."*

Skont l-artikolu 181B il-Gvern, li ċertament għandu interess f'attakk kostituzzjonali/konvenzjonali ta' leġislazzjoni jew aġir taħtha, allura għandu jkollu rappresentanza fl-atti u azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap ta' Dipartiment li jkun inkarigat mill-materja suggett tal-lanjanza mressqa għal l-iskrutinju tal-Qorti. L-istess artikolu jistipula illi l-Avukat Generali jirrapresenta lil Gvern **biss** f'dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji illi minħabba n-natura tagħhom ma jistghux jiġu diretti mod ieħor kontra xi kap ta' dipartiment.

Issa kif ġia ġie dibattut hawn l-attakk huwa kontra l-mod kif l-Awtorita' vestita taħt il-Kap 524 eżerċitat dak minnha stess stipulat fil-Protokoll taħt l-artikolu 6 ta' l-istess Kap, aktar u aktar għax l-istess Protokoll juża fil-konfront tal-minimu u massimu ta' l-etajiet tal-mara li titlob l-assistenza fil-prokreazzjoni il-kelma "*desirable*" għalhekk terminoloġija mhux tassativa, bħalikieku kien ikun il-kaz fejn l-eta' kienet determinata u gvernata bil-kliem għal kollox priv minn interpretazzjoni *"shall"*. Din id-deċiżżjoni hija waħda li taqa għal kollox fil-mansjoni ta' l-istess Awtorita'.

Naraw ukoll illi ġia fis-sena 2015 bil-leġislazzjoni sussidjarja 524.01[23] fir-regolament 3 ta' l-istess, lil istess Awtorita' ngħata personalita' guridika u r-rappresentanza tagħha nnifisha;

*"L-Awtorita' ghandha tkun entita' korporattiva b'personalita' ġuridika distinta u għandha tkun kapaċi ...li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt l-Att..."*

Tenut il-premess hija għalhekk l-Awtorita' biss li għandha tirrispondi jekk l-aġir tagħha hux wieħed li jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tar-rikorrenti. Oltre dan l-istess Protokoll ma sar qatt taħt l-awspizzju ta' l-Avukat Generali jew għadda minn kunsens tiegħu.

**Ferm dana u tenut kont tat-talba mressqa u ċioe li l-promulgazzjoni tal-Protokoll, l-aġir u d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' meħuda taħtu huma lesivi skont il-lanjanza in eżami, l-Qorti tqies li l-intimati għandhom ragun fl-ewwel eċċezzjoni minnhom mressqa u b'hekk tillibera lil istess Avukat Generali mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**Eżawriment ta' Rimedji ordinarji**

It-tieni eċċezzjoni n eżami hija dik li ma ġewx eżawrtiti r-rimedji ordinarji. Taqra hekk:-

*"2 illi in linea preliminari ukoll, ir-rikorrenti qegħdin jabbuzaw mill-proċss kostituzzjonali stante illi qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni tagħhom rimedji*

[23] Avviż Legali 32 tal-2015

*ordinarji sabiex iħarsu d-drittijiet pretizi minnhom fil-forma ta' stħarrig gudizzjarju tad-deċizzjoni ta' l-Awtorita' esponenti. F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċeċpixxu n-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistidnu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina mill tezerċita l-gurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso għal artikolu 4 (2) tal-Attt dwar il-Konvenzzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta".*

Huwa kristallin li l-intimati qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tagħzel biex tiddeklina milli tezamina il-vertenza mressqa mill-lat Kostituzzjnalu u Konvenzjonali għax skont it-teżi tagħhom ir-rikorrenti qabel ma jirrikorru għal dan il-proċeduri straordinarji, kellhom fl-ewwel lok jirrikorru għal rimedju provduti mill-liġi domestika ordinarja. Fil-kaz in ezami dik ta' stħarrig gudizzjarju.

Ingħad dwar dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Massa et. Vs Direttur Għal Akkomodazzjoni Soċjali et.**[24]**:-**

***"EZAWRIMENT TAR-RIMEDJI ORDINARJI.***

*Illi qabel tibda tikkonsidra l-mertu tal-kaz l-ewwel trid tigi trattata l-oggezzjoni tad-Direttur intimat (llum L-Awtorita' ntimata fejn qed jigi allegat li r-rikorrenti/atturi naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji taghhom qabel issollevaw il-kwistjoni kostituzzjonali.*

*Illi skont l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** s-setgha li din l-Qorti ghandha sabiex tiddeklina tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha, hija wahda diskrezzjonali u*

[24] Deċiza fis-27 ta' Ottubru, 2011 Ref.Kost. 33/2008 RCP

*ghandha tigi ezercitata meta tqis li tkun deziderabbli li taghmel hekk. Illi l-principji li jirregolaw l-eccezzjoni ta' ezawriment ta' rimedji huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza nostrali b'dan li inghad fis-sentenza* ***"Joseph Bellizzi et vs. Awtorita` Marittima ta' Malta"*** *(P.A. (RCP) - 6 ta' Mejju, 2008) issegwenti:-*

*(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, r-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali;*

*(b) Li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-użu tagħha;*

*(c) M'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jeħtieg jiġi mistħarreg fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu;*

*(d) Fil-fatt in-nuqqas waħdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tuzax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall ilment tiegħu;*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent minħabba l-imġiba ta' ħaddiehor m'għandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' lilment*

*kostituzzjonali tar-rikorrent* ***("Victor Bonavia vs. LAwtorita' ta' l-Ippjanar et"*** *P.A (VDG) - 9 ta' Frar 2000);*

*(f) L-ezerċizzju minn Qorti (tal-Ewwel Grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* ***("Vella vs. Bannister et"*** *– Q.K. - 7 ta' Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u* ***("Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija"*** *– Q.K. - 12 ta' Dicembru 2002);*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza' s-setghat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* ***("Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija"*** *– P.A. (K) 29 ta' Marzu 1993);* ***("David Axiaq v. Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku"*** *– Q.K. - 15 ta' April 2004).*

*(h) Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi użata fl-aħjar amministrazzjoni tal-gustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-proċess kostituzzjonali, u mill-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali* ***("Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et"*** *– Q.K. - 31ta' Ottubru 2003).*

*Illi għalhekk dan il-proviso mhux xi wieħed li jista' jittieħed b'mod laxk jew kapriċċuz u zgur li mhux intiz biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilta' li tieħu konjizzjoni ta' lamentela kostituzzjonali dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali*

*iżda tfisser biss li l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu kazijiet tirrifjuta li teżerċita' s-setgħat tagħha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra, għaliex altrimenti tkun qeghda abbuzata l-kompetenza taghha kostituzzjonali – ħaga li l-liġi ma tippermettiex b'dan għalhekk li ilment ta' natura kostituzzjoni għandu jsir biss wara li rrimedji ordinarji jiġu ezawriti jew meta ma hemmx rimedji disponibbli. Meta rrikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li setgħa kellu, l-Qorti m'għandhiex tikkunsidra li tezerċita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.* ***"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru"*** *(P.A. – 21 ta' April 1995)"*

Ukoll fis-sentenza.**John Mattei et. Vs L-awtorita' Tad-Djar** inqal:-

*"Il-proviso tal-Artikolu 4(2) jipprovdi s-segwenti:*

*"**Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra**."*

*Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ghar-raguni li seta` kien hemm rimedji ordinarji:*

*"...**ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht***

***il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz.*** *"*[25]

*Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet* ***Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent*** *il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli."*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi ma jistghax jinghad li l-proceduri ta' stħarriġ gudizzjarju jistghu jitqiesu bhala rimedju effettiv fil-kaz de quo. M'hemm l-ebda dubbju illi l-hrug ta' Ordni ta' Rekwizizzjoni inhareg skont il-liġi vigenti dak iz-zmien, u ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' illegalita jew azzjoni jew decizjoni ultra vires da parti tal-Awtoritajiet Pubblici, u lanqas ma jidher li l-ilment tar-rikorrenti jaqa' taht xi wiehed mil-principju ta' gustizzja naturali li fuqhom ghandhom mansjoni l-Qrati f'kawzi ta' stħarriġ gudizzjarju. Għalhekk, gjaladarba r-rimedju indikat mill-Awtorita ntimata ma jirrizultax li huwa wieħed effettiv, il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni tal-istess Awtorita hija nfondata u għalhekk qed tiġi miċħuda.".*

[25] **David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku**.Qorti Kostituzzjonali 14.05.2004

Issir referenza ukoll għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha moghtija fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine**, fejn mir-rassenja tas-sentenzi hemm ċitati nisslet is-segwenti linji ġurisprudenzjali in materja:

*"(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*

*b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*(c)Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

*(d)Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent*

*(e)Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operatta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

*(f)Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*"Illi kif gie ribadit fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005, fl-ismijiet* ***Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[26] *konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 gie ribadit:-*

*Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat*[27]*. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*[28]*. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża."*

*Illi hija l-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli ghaliha li ghandha l- oneru li tissodisfa lill-qorti li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika. L-intimat issottometta li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghandu disponibbli ghalih r-rimedju previst bl-artikolu* ***469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****."*[29]

Dwar l-istħarriġ ġudizzjarju maħsub taħt l-artikolu 496A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ta' l-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Ganni Attard vs Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation** qalet dan:-

---

[26] Rikors Kost. 22/05JRM
[27] Ara Kost. 5.4.1991 fil-kawza fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**. (Kolloaz. Vol. LXXV.i. 106)
[28] P.A Kost. 9.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija** (mhux pubblikata)
[29] P.A. Sede Kost. 22/2016; **Micheal Borg vs Onor. Prim Ministru et**.

"L-Art.469A tal-Kap.12 jaqra hekk –

*"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-liġi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

"*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

"*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*

"*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

"*(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew*

"*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; jew*

"*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-liġi."*

"Hekk kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta3**

*"Dwar din l-azzjoni, din il-Qorti (diversament presjeduta)* ***[PA/JRM]*** *qalet hekk fis-sentenza tagħha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "****Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta****" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 –*

*"Illi llum huwa accettat li l-azzjoni għal stħarrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti*

*rimedju lill-individwu dwar l-imġieba tal-awtorita` pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreg is-siwi ta' dak l-għemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għmil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita`, għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għemil, tkun naqset li tħares il-principji ta` gustizzja naturali jew ħtiega proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għemil, jew jekk l-għemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgħa ta' dik l-awtorita` billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għemil", il-liġi tifhem ukoll ċahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita` pubblika;*

*"Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-ħtiega li l-Qorti tqis x'tip ta' stħarrig għandha tagħmel skond il-liġi dwar l-għemil tal-Bank imħarrek. Tali ezerċizzju huwa wieħed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-kawza prezenti. Illum il-gurnata, l-azzjoni ta' stħarrig gudizzjarju ta' għemil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema proċedurali tagħna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-liġi tipprovdi għal din l-għamla ta` stħarrig, sakemm il-liġi nnifisha ma tipprovdix mod. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista' jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-liġi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b'din l-ghamla ta' azzjoni;*

*“Illi mit-tifsira ta’ “awtorita` pubblika” moghtija fl-artikolu 469A(2), joħrog ċar li l-Bank imħarrek huwa awtorita` kif hekk imfissra, u dan ukoll għaliex huwa korp magħqud kostitwit permezz ta’ liġi li għandu funzjoni regolatrici pubblika u amministrattiva. Dawn l-elementi ma ġew bl-ebda mod miċħuda mill-istess Bank u lanqas jidher li tqanqal xi dubju dwar jekk il-Bank huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni speċjali mibdija kontra tiegħu … **DeSmith & Evans** fil-Judicial Review of Administrative Action (Fourth Edition – pag. 278-9) igħidu hekk –*

*“A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or ‘ultra vires’ because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. . .*

*The crucial question, however, is : In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided."*

*Fil-kawza* ***David Axiaq vs L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku,***[30] *il-Qorti Kostituzzjonali sostniet illi biex eccezzjoni dwar non-ezawriment tar-rimedji ssib suċċess , il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-persuna kellha mezz* ***xieraq*** *ta` rimedju taht xi liġi ohra, dan anke fil-konfront ta' dak stipulate fl-artikolu 469A tal-Kap 12.:*

*"Għalkemm huwa minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa ("…tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel…") li tiddeklina li tezerċita s-setgħat tagħha taħt is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 319, tali setgħa għandha dejjem tigi ezerċitata bi prudenza, b`mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jiġix privat mir-rimedju kostituzzjonali (jew taħt il-Kap. 319) meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fiċ-ċirkostanzi tal-kaz. Fil-kaz in diżamina hu evidenti li l-qofol tal-vertenza kollha joħrog mill-fatt li hemm policy (mhux liġi) li l-pleasure boats liċenzjati għad-Dwejra ta` Għawdex ikunu tmienja biss. Bħala fatt din il-policy tillimita n-numru ta` dgħajjes li jiġu liċenzjati biex jaħdmu f`dak il-lokal, u fil-kaz ta` l-appellant din il-policy kienet ir-raguni waħdanija u vera għala l-liċenzja tiegħu għas-sena 1997 ma ġietx imġedda. Issa, ma hemmx dubbju li awtorita` amministrattiva – anke awtorita` li għandha s-setgħa li toħrog liċenzji – jista` jkollha policy li tillimita n-numru ta` liċenzji li joħorgu, basta li dik id-deċizjoni (għax policy hi effettivament deċizjoni) ma tkunx tikkozza ma xi ħaga li hemm fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Biex policy ma tkunx "mod ieħor kontra l-ligi" (Art. 469A(1)(b)(iv), Kap. 12) dik il-policy trid tkun ukoll tali li fit-tħaddim tagħha fil-kaz partikolari ma tkunx tammonta għal vjolazzjoni ta` xi disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma` l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li l-appellant, allura*

[30] 14 ta' Mejju, 2004.

*rikorrent, ma kienx qed ifittex li jwaqqa` l-policy in kwistjoni minħabba li din tmur kontra, inter alia, il-Konvenzjoni. Huwa evidenti mill-bran segwenti, meħud verbatim mir-rikors promotorju, li l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kien effettivament qed jallega li l-applikazzjoni ta` din il-policy – jekk hux direttament jew minħabba l-intervent ta` l-Ombudsman hu rrelevanti – għall-kaz tiegħu u ċioe` biex ma tiġix imġedda liċenzja validament maħruga kienet tammonta għal vjolazzjoni inter alia kemm ta` l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll (in kwantu qed jiġi mfixkel fit-tġawdija paċifika tal-"possedimenti" tiegħu) kif ukoll ta` l-Artikolu 14 ta` l-istess Konvenzjoni (in kwantu qed issir distinzjoni fuq bazi mhux oġġettiva u ragjonevoli):*

*"Illi in oltre, fil-waqt li l-Awtorita` qiegħda tirrifjuta li ġġedded il-permess ta` l-esponent, fl-istess ħin qegħda ġġedded il-permessi ta` persuni oħra li għandhom liċenzja biex joperaw passage boat fid- Dwejra u f`postijiet oħra fil-gzejjer Maltin, u toħrog permessi ġodda biex persuni ikunu jistgħu joperaw passage boats fil-gzejjer maltin. Din l-għazla qiegda ssir mingħajr ebda ġustifikazzjoni razzjonali, tikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarj kontra l-esponent fit-termini ta` l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fit-tġawdija tad-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom id-dritt għall-proprjeta`, id-dritt għax-xogħol u d-dritt għal smiegħ xieraq."*

*Pero` jista` jingħad li r-rimedju talvolta disponibbli wara kawza għal stħarriġ gudizzjarju fil-kaz in dizamina seta` jkun wieħed xieraq, ċioe` wieħed effettiv? Kif inhu risaput, f`kawza għal stħarrig gudizzjarju r-rimedji li tista` tagħti l-Qorti huma limitati hafna – anke d-danni li jistgħu jingħataw huma limitati b`dak li jiddisponi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 469A. Il-Qorti f`kawza għal stħarrig gudizzjarju ma tistax tissostitwixxi ruħha għall-awtorita` li tkun u, per ezempju, tordna li tinħareg il-liċenzja li tkun ġiet rifjutata mill-awtorita` kompetenti. F`kawza bħal dik odjerna, inveċe, ma hemm xejn xi jżomm lill-Prim*

*Awla, fil-kompetenza Kostituzzjonali u/jew "Konvenzjonali" tagħha, li tordna li tinħareg il-liċenzja jekk, per ezempju, jirrizulta li l-liċenzja li kienet inħarget lill-appellant kienet tammonta għal "possediment" u li fir-rifjut tat-tiġdid u/jew flapplikazzjoni tal-policy tal-closed shop ma jkunx hemm bilanċ ġust bejn l-interessi ta` Axiaq u dawk tal-komunita` in generali. Għalhekk biss – u ċioe` apparti konsiderazzjonijiet oħra li jissemmew fir-rikors ta` appell li pero` din il-Qorti tara li ma hemmx għalfejn tidħol fihom – din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta` l-ewwel Qorti li l-appellant kellu mezz xieraq ta` rimedju taħt xi ligi oħra."*

Illi magħdud ma dan l-insenjament huwa miżmum li is-subinċiz (1)(a) ta' l-artikolu in eżami ma japplikax għal ksur kostituzzjonali u konvenzjonali lamentat.

Illi kif ben jirriżulta mill-atti u ben puntwalizzat mill-intimati t-talba imressqa hija bbażata fuq il-mod kif l-Awtorita' interpretat il-massimu fil-każ odjern ta' l-eta' tal-mara sa fejn il-prokreazzjoni assistita hija permessa. Dan għaliex kif jiriżulta mix-xhieda riferuta nonosatnte l-użu tal-kelma *"desireable"* fil-Protokoll, l-Awtorita' tistabilixxi bħala massimu l-eta' ta' 42 sena u tagħti interpretazzjoni stretta u tassativa għal massimu ta' l-eta' tal-mara permissibbli. Oltre din l-eta' tirrifjuta l-għoti tal-permess għal prokreazzjoni assistita.

Huwa dan l-operat li allura qed jiġi npunjat bħala lesiv mir-rikorrenti. Ġia mill-ġurisprudenza delineata jidher ċar lil Qrati Ċivili fil-funzjoni tagħhom f'ambitu ta' stharrig amministrativ ma jistgħux jagħtu dak ir-rimedju mixtieq u effettiv jekk jirriżulta l-ksur allegat. Kif delineat, kieku biss il-Qorti sabet fil-kors ta' stħarriġ ġudizzjarju li l-Awtorita' naqset ai terminu ta' l-artikolu 469A, ir-rimedji mitluba fir-rikors promotur ma kienux jaqaw fil-mansjoni tagħha biex tikkonċedihom.

**Konsegwentement din l-eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda.**

**It-Talbiet Prinċpali dwar l-allegati vjolazzjoni**.

Ir-rikorrenti jikkontendu li bl-aġir tagħha l-Awtorita' nisslet fil-konfront tagħhom trattament inugwali, diskriminatorju u wieħed li jimpatta negattivment fuq id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familja u dan bi ksur ta' l-artikoli 8 u 14 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Il-pern tal-kwistjoni jibqa kif ġie u jiġi interpretat il-Protokol mill-Awtorita' fir-rigward tal-massimu ta' l-eta' ta' l-omm li tkun eliġibbli li tiriċevi ġewwa pajjiżna prokreazzjoni assistita finanzjata mill-Gvern. Tqies dan bħala l-pern għaliex nonostante li jillamentaw mill-promulagazzjoni ta' l-istess Protokoll fattwalment hija l-interpretazzjoni tiegħu li toħloq l-intopp mhux tant hu innifsu. Mhux kontestat mir-rikorrenti fil-fatt li l-Awtorita' għandha d-dritt u l-obbligu li tistabilixxi dan l-istess Protokoll. Għalihom il-Protokoll huwa lesiv għal mod ta' kif inhu miktub u aktar speċifikament għal mod kif inhu interpretat.

Fl-Artikolu 6 tiegħu dan il-Protokol jaqra illi-:

*"For the purpose of this Protocol, the EPA*[31] *feels that it is desirable that the woman who is entitled to treatment should be betweeen the age of 25 and 42 years, ...."* .

[31] Embryo Protection Authority.

Jirriżulta ċar mix-xhieda riprodotta illi l-Awtorita', l-EPA, tinterpreta dawn l-etajiet bħala limitu tassattiv biex mara tiġi soġġetta għal dan it-trattament, nonostante l-użu tal-kelma *desirable*.

**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Dan jaqra hekk:-

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-ezerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun meħtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-dizordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddiehor."*

Ingħad fid-deċizzjoni tal-Qorti ta' L-Appell fl-ismijiet **Nicia Borg et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et.**[32] li**:**

*"L-Artikolu 8 tal-konvenzjoni jpoġġi fuq l-istat l-obbligu li jirrispetta diversi interessi personali fosthom ir-rispett għall-hajja privata u familjari. Dan l-obbligu però jirrikjedi li l-istat irid jilħaq bilanċ fir-rispett bejn id-drittijiet u privileggi ta' kull ċittadin u ċioè bilanc bejn l-obbligu ta' l-istat li jipprovdi drittijiet u privileggi għal kull individwu u l-obbligu li jipprotegi persuni minn*

[32] Appell Ċivili Numru 389/2000/2; 12 ta' Lulju, 2005

*aġir ta' persuni privati oħrajn li jippruvaw jostakolaw it-tgawdija ta' dawn id-drittijiet.*

*Il-kompitu tal-qorti ma hux li tara jekk taqbilx mal-ligi, jew jekk, li kieku kienet hi l-legislatur, kinitx tillegifera mod iehor; il-kompitu tal-qorti hu li tara jekk il-ligi, kif inhi, tiksirx il-ligi ogħla li thares id-drittijiet fundamentali."*

F'deċiżjoni riċenti din il-Qorti diversament preseduta għamlet analiżi ferm dettaljat ta' dawk li huma l-elementi kostituttivi ta' l-artikolu invokat, qalet[33]:

*"Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.*

*"Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference."*[34]

*Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, liema jedd mhuwiex wiehed assolut. It-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta l-indħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat.*[35]

[33] **"AB" u "AC" vs L-Avukat Generali** Rikors Kostituzzjonali 46/2017/LSO; Deċiż 28/06/2018
[34] **Harris, O'Boyle & Warbrick: Law of the Convention on Human Rights**, 3rd edition page 525
[35] Ara deċizzjoni **Marcks vs Belgium** A 31(1979); 2 EHRR 330PC

*Illi biex indħil bħal dak ikun "skont il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru*[36] *(unforseeable).*

*Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan* ***mixtieq***[37] *u* ***prevedibbli*** *fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ- "ċertezza" tad-dritt*[38]. *F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan huwa imfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet.*

*Kif ingħad "In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia,* ***T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC],*** *no 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and* ***Sommerfeld v. Germany*** *[GC], no. 31871/96, §62, ECHR 2003-VIII)."*[39]

*Illi huwa stabbilit li fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between*

[36] Q.E.D.B. 24.3.1988 fil-każ **Olsson vs Svezja** (Nru.1) (Applik. Nru. 10465/83) 62
[37] Q.E.D.B. 24.11. 1986 fil-każ **Gillow vs Renju Unit** (Applik. Nru. 9063/80) 55
[38] Q.E.D.B. 26.3.1987 fil-każ **Leander vs Svezja** (Applik. Nr. 9248/81) 58
[39] Q.E.D.B. 18.2.2014 fil-kawza fl-ismijiet **A.L. vs Polonja** (Applik. Nru. 28609/08) 65

*the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.'*[40]

Biex wieħed aktar jifhem il-komplessita' tas-suġġett in eżami din il-Qorti se tagħmel referenza għal-każistika tal-Qorti Ewropea f'dan il-kuntest. Tagħmel ampja referenza għal **Factsheet** ta' Ġunju ta' din is-sena li kienet intitolata **Reproductive Rights** fejn ingħatat rassenja tal-każistika fir-rigward.

**Medically-assisted procreation**

**Evans v. United Kingdom**

*10 April 2007 (Grand Chamber)*

*The applicant, who was suffering from ovarian cancer, underwent in-vitro fertilisation (IVF) with her then partner before having her ovaries removed. Six embryos were created and placed in storage. When the couple's relationship ended, her ex-partner withdrew his consent for the embryos to be used, not wanting to be the genetic parent of the applicant's child. National law consequently required that the eggs be destroyed. The applicant complained that domestic law permitted her former partner effectively to withdraw his consent to the storage and use by her of embryos created jointly by them, preventing her from ever having a child to whom she would be genetically related.*

*For the reasons given by the Chamber in its judgment of 7 March 2006, namely that the issue of when the right to life began came within the State's margin of appreciation, the Grand Chamber found that the embryos created by the applicant and her former partner did not have a right to life. It therefore held that there had been* ***no violation of Article 2*** *(right to life) of the Convention.*

[40] Deċiż fit-8 ta' April 2014 – (Application no. 11057/02)

*The Grand Chamber further considered that, given the lack of European consensus, the fact that the domestic rules had been clear and brought to the attention of the applicant and that they had struck a fair balance between the competing interests, there had been* ***no violation of Article 8*** *(right to respect for private and family life) of the Convention. Lastly, the Grand Chamber held that there had been* ***no violation of Article 14*** *(prohibition of discrimination)* ***taken in conjunction with Article 8*** *of the Convention.*

***Dickson v. United Kingdom***

*4 December 2007 (Grand Chamber)*

*The applicant, a prisoner with a minimum 15-year sentence to serve for murder, was refused access to artificial insemination facilities to enable him to have a child with his wife, who, born in 1958, had little chance of conceiving after his release.*

*The Court held that there had been a* ***violation of Article 8*** *(right to respect for private and family life) of the Convention as a fair balance had not been struck between the competing public and private interests.*

***S.H. and Others v. Austria (no. 57813/00)***

*3 November 2011 (Grand Chamber)*

*This case concerned two Austrian couples wishing to conceive a child through IVF. One couple needed the use of sperm from a donor and the other, donated ova. Austrian law prohibits the use of sperm for IVF and ova donation in general.*

*The Court noted that, although there was a clear trend across Europe in favour of allowing gamete donation for in-vitro fertilisation, the emerging consensus was still under development and was not based on settled legal principles. Austrian legislators had tried, among other things, to avoid the possibility that two women could claim to be the biological mother of the same child. They had approached carefully a controversial issue raising complex ethical questions*

*and had not banned individuals from going overseas for infertility treatment unavailable in Austria. The Court concluded that there had been* **no violation of Article 8** *(right to respect for private and family life) of the Convention. However, it underlined the importance of keeping legal and fast-moving scientific developments in the field of artificial procreation under review.*

***Costa and Pavan v. Italy***

*28 August 2012*

*This case concerned an Italian couple who are healthy carriers of cystic fibrosis and wanted, with the help of medically-assisted procreation and genetic screening, to avoid transmitting the disease to their offspring.*

*The Court held that there had been a* **violation of Article 8** *(right to respect for private and family life) of the Convention. It noted the inconsistency in Italian law that denied the couple access to embryo screening but authorised medically-assisted termination of pregnancy if the foetus showed symptoms of the same disease. The Court concluded that the interference with the applicants' right to respect for their private and family life had been disproportionate.*

*The Court stressed the difference between this case, which concerned preimplantation diagnosis (PID) and homologous insemination3, and that of S.H. and Others v. Austria (see above), which concerned access to donor insemination. Although the question of access to PID raised delicate issues of a moral and ethical nature, the legislative choices made by Parliament in the matter did not elude the Court's supervision.*

***Knecht v. Romania***

*2 October 2012*

*In July 2009 frozen embryos that the applicant had deposited with a private clinic were seized by the authorities due to concerns about the clinic's credentials. The applicant subsequently experienced considerable difficulties in*

*securing a transfer by the State of the embryos to a specialised clinic so that she might use them to become a parent by means of an IVF procedure. Before the Court, the applicant complained that this resulted in a breach of her right to a private and family life.*

*The Court held that there had been* ***no violation of Article 8*** *(right to respect for private and family life) of the Convention. The domestic courts had expressly acknowledged that the applicant had suffered a breach of her rights under Article 8 on account of the refusal by the authorities to allow the embryo transfer, and had offered her the required redress for the breach, which led to the transfer of the embryos in a relatively short time. Therefore the requisite steps had been taken to secure respect for the applicant's right to respect for her private life.*

***Nedescu v. Romania***

*16 January 2018*

*The applicants, a married couple, alleged that they had not been able to recover embryos that had been seized by the prosecuting authorities in 2009 and that they had been prevented from having another child. The couple had won court orders in their favour to retrieve the embryos, but they had not been able to fulfil them.*

*In this case the Court held that there had been a* ***violation of Article 8*** *(right to respect for private and family life) of the Convention, finding in particular that preventing the applicants from retrieving their embryos as ordered by the High Court of Cassation had constituted an interference with their right to respect for their private life which was not provided for by law.*

***Charron and Merle-Montet v. France***

*16 January 2018 (decision on the admissibility)*

*The applicants, a female married couple, complained that their request for medically assisted reproduction had been rejected on the grounds that French law did not authorise such medical provision for same-sex couples.*

*The Court declared the application* ***inadmissible****. It noted in particular that the Hospital's decision rejecting the applicants' request for access to medically assisted reproduction had been an individual administrative decision that could have been set aside on appeal for abuse of authority before the administrative courts. However, the applicants had not used that remedy. In the present case, noting the importance of the subsidiarity principle, the Court found that the applicants had failed to exhaust domestic remedies.*

***Pending application***

***Gauvin-Fournis v. France (no. 21424/16)***

*Application communicated to the French Government on 5 June 2018*

***Silliau v. France (no. 45728/17)***

*Application communicated to the French Government on 5 June 2018"*

Din ir-rassenja għandha tagħti stampja ċara ta' kemm dan tal-lum hu suggett li għadu qed jiġi żvillupat kemm mill-lat ta' xjenza kif ukoll każistiku.

Lura pero għal lanjanza in eżami l-Qorti tara li hawn huwa l-aġir tal-Awtorita' kif sanċit mill-Kap 524 li tagħti lil istess Awtorita' il-poter meħtieġ biex topera li qed jiġi impunjat.

Bla dubbju ta' xejn huwa veru illi l-Protokoll imsemmi juża il-kelma "*desirable"* fejn jirrigwarda l-eta' tal-mara. Huwa daqstant stabbilit illi l-Awtorita' tagħżel li tinterpreta dana bħala l-massimu permissibbli. Dan allura għandu jwassal għal indħil mhux ġustifikat? Oltre hekk ġialadarba hemm dan l-

indħil (legislattiv[41]) dan huwa wieħed neċessarju? Jew dana jwassal għal kif stqarret ir-rikorreni Nathasha Lia li għaliha l-Gvern ġie qed jindaħlilha *"meta u kif ..għandu ikolli t-tfal. Meta ħaddieħor li ma għandux bżonn interventions bħali jista jkollu u ħadd ma jgħidlu xejn at any age u nħossni diskriminata ukoll għax kieku jien kelli l-flus jien għamilt cycles barra oħra. Il-problema kienet financially, jiena teacher, ir-ragel tiegħi Pulizija u ma nistgħux naffordjaw."*[42]

Il-Qorti għal dan l-iskop se tislet bran fit-tul minn Pubblikazzjoni dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzzjoni tal-Kunsil Ewropew u il-Qorti Ewropea Għad-drittijiet tal-Bniedem fejn insibu ġabra ta' insenjament relevanti għal dan: **Guide on Article 8 of the European Convention on Human Rights; Right to Respect Family life, home and correspondence.**[43]

***"D. Does the interference further a legitimate aim?***

*15. Article 8 § 2 enumerates the legitimate aims which may justify an infringement upon the rights protected in Article 8: "in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others". The Court recently observed that its practice is to be quite succinct when it verifies the existence of a legitimate aim within the meaning of the second paragraphs of Articles 8 to 11 of the Convention (S.A.S. v. France [GC], § 114).*

*16. The Court has found, for example, that immigration measures may be justified by the preservation of the country's economic well-being within the*

[41] In kwantu s-setgħa tal-Awtorita' hija stabbilita' b'liġi u l-Protokol huwa ukoll suġġet għal skrutinju parlamentari
[42] Folio 49
[43] 31/08/2018 Council of Europe. Page 10-11

*meaning of paragraph 2 of Article 8 rather than the prevention of disorder if the government's purpose was, because of the population density, to regulate the labour market (Berrehab v. the Netherlands, § 26). The Court has also found both economic well-being and the protection of the rights and freedom of others to be the legitimate aim of large governments projects, such as the expansion of an airport (Hatton and Others v. the United Kingdom [GC], § 121).*

*17. The Court found that a ban on full-face veils in public places served a legitimate aim taking into account the respondent State's point that the face plays an important role in social interaction. It was therefore able to accept that the barrier raised against others by a veil concealing the face was perceived by the respondent State as breaching the right of others to live in a space of socialisation which makes living together easier (S.A.S. v. France [GC], § 122). Guide on Article 8 of the Convention – Right to respect for private and family life European Court of Human Rights 11/115 Last update: 31.08.2018 18.*

*In Toma v. Romania, however, the Court found that the government had provided no legitimate justification for allowing journalists to publish images of a person detained before trial, when there was no public safety reason to do so (§ 92).*

***E. Is the interference "necessary in a democratic society"?***

*19. In order to determine whether a particular infringement upon Article 8 is "necessary in a democratic society" the Court balances the interests of the member State against the right of the applicant. In an early and leading Article 8 case, the Court clarified that "necessary" in this context does not have the flexibility of such expressions as "useful", "reasonable", or "desirable" but implies the existence of a "pressing social need" for the interference in question. It is for national authorities to make the initial assessment of the*

*pressing social need in each case; accordingly, a margin of appreciation is left to them. However their decision remains subject to review by the Court. A restriction on a Convention right cannot be regarded as "necessary in a democratic society" – two hallmarks of which are tolerance and broadmindedness – unless, amongst other things, it is proportionate to the legitimate aim pursued (Dudgeon v. the United Kingdom, §§ 51-53).*

*20. Subsequently, the Court has affirmed that in determining whether the impugned measures were "necessary in a democratic society", it will consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify them were relevant and sufficient and whether the measures were proportionate to the legitimate aims pursued (Z v. Finland, § 94). The Court has further clarified this requirement, stating that the notion of "necessity" for the purposes of Article 8 means that the interference must correspond to a pressing social need, and, in particular, must remain proportionate to the legitimate aim pursued. When determining whether an interference was "necessary" the Court will consider the margin of appreciation left to the State authorities, but it is a duty of the respondent State to demonstrate the existence of a pressing social behind the interference (Piechowicz v. Poland, § 212). The Court reiterated the guiding principles on the margin of appreciation in Paradiso and Campanelli v. Italy [GC], §§ 179-184).*

*21. With regard to general measures taken by the national government, it emerges from the Court's case*-law *that, in order to determine the proportionality of a general measure, the Court must primarily assess the legislative choices underlying it. The quality of the parliamentary and judicial review of the necessity of the measure is of particular importance in this respect, as is the risk of abuse if a general measure were to be relaxed, that*

*being a risk which is primarily for the State to assess (Animal Defenders International v. the United Kingdom [GC], § 108).”*

**Ikkonsidrat**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi l-Protokol stabbilit taħt l-artikolu 6 ma hux wieħed li sar b’mod leġġer. Jirriżulta li dana ġie redatt wara debita konsultazzjoni ma ‘l hekk imsejjħa *stakeholders* konċernati fosthom erba’ konsulenti ferm magħrufa u ċertament ta’ esperjenza kbira fil-kamp relattiv tagħhom. Dan fatt mhux ikkontestat.

Kif jidher mix-xhieda tagħhom stess u mid-dokumenti esebiti minn din il-konsultazzjoni ġew misluta il-linji gwida biex il-prokreazzjoni assistita- a) tkun ta’ l-inqas perikolu għal omm, għal embrijun u għal dak li se jkun il-wild futur, u b) tkun ta’ suċċess.

Illi għalkemm jirriżulta ukoll li mhux kull konsulent qabel ma kif fl-aħħar mill-aħħar spiċċat biex tiġi promulgata l-liġi tas-sena 2012, pero il-maġġoranza għarfu l-problemi li jistgħu jiġu skontrati fi gravidanza ta’ omm avvanzata fl-eta’ oltre allura 42 sena, ġia f’wild normali aħseb u ara f’dak li hu wild assistit fejn l-omm tiġi indotta minn trattament ta’ ormoni u oltre, biex tipproduċi aktar minn bajda waħda f’kull ċiklu. **Il-perikoli imsemmija mihomx negliġibbli**. Lanqas ma jista jiġi injorat kif inhu risaput li tbagħti ukoll is-saħħa ta’ l-embrijun jekk l-omm tkun malandata, ukoll lil fetu jista jkun wieħed anormali bil-konsegwenza ta’ wild futur hekk.

Taqbel ukoll il-Qorti ma dak li qalu l-intimati fil-kaz ta' Profs Mark Brincat li hu ma kienx sodisfatt bil-liġi kif redatta, dan għal limitazzjonijiet xjenitifiċi li kienet timponi fil-kamp mediku/xjentifiku senjatament fil-kamp tal-obstetrija u ġinekoloġija. In kwantu għal eta massima ta' 42 sena kien ċar lil liġi taghna, tas-sena 2012, kienet hekk imfassla għax ma kienetx kif issa ġiet emendata tippermetti *donor gametes*, allura ċelloli minn mara u ragel ta' eta'anqas[44] u **allura aktar b'saħħithom**. Fil-fatt qal ukoll lil liġi tagħna kienet imfassla fuq dik Ingliza li minħabba li kienet tippermetti d-donazzjoni tal-gamiti, l-eta' massima permessa tal-mara riċeventi kienet għola, ta' 48 sena.

**Tqies** għalhekk il-Qorti li ma tistax tħaddan l-ilment tal-konjuġi Lia illi huma għandhom dritt jirrikorru għand l-Istat biex jkollhom it-tfal bl-assistenza tiegħu, ukoll finanzjarja, u l-Istat innifsu ma jagħmilx regolamenti li jnaqqsu l-impatt negattiv fuq s-saħħa pubblika u l-istituzzjonijiet minnha konċernati u anke fuq l-impatt ekonomiku stante li kif rajna s-suċċess wara ċertu eta' tal-mara li l-proċedura tirnexxi huwa **baxx** ħafna. Fil-fatt illum lil liġi kif emendata tippermetti *donor gametes* sa l-eta' massima tad-donatur ta' **sitta u tlettin sena** għal aħjar suċċess tal-proċedura u r-rizultanzi tagħha.[45] Tant allura hija ta' impatt l-eta' tal-persuna li tagħha ċ-ċelloli se joħolqu embrijun. Hija biss *"..f'każijiet eċċezzjonali speċifikati fil-Protokol."* li l-Awtorita' tippermetti li tiġi eċċeduta din l-eta'.[46]

Ċertament li l-Istat għandu kull dritt li jkun regolatorju f'dawk il-proċeduri li hu jkun qed joffri (bla ma kellu obbligu li joffri l-istess). Daqstant ieħor huwa obbligat li jittendi l-errarju pubbliku għax kif inhu ukoll risapput il-proċedura

[44] **Ara l-Att li jemenda l-Kap 524 artikolu 7 li jemenda l-artikolu 9(3) ta' l-istess Kap fejn l-eta' tad-donatur hija ta' sitta u tlettin sena.**
[45] Ibid.
[46] Proviso għal artikolu 9(3) kif emendat.

ta' prokreazzjoni assistita mhix waħda finanzjarjament irrizorja. Għalhekk il-Protokoll u regoli taħtu u bih stabbiliti.

Għalhekk nonostante l-istatistika offruta u dokumenti esebiti ġialarba huwa l-Istat li qed joffri dan it-tip ta' servizz, u meqjusa il-perikoli naxxenti wara ċertu eta' tal-mara f'din il-proċedura inkluz l-impatt negattiv li għandha kemm fuq is-suċċess ta' l-istess proċedura ukoll fuq l-embrijun, fetu u t-tarbija jew trabi li jistgħu jittwieldu minnha, tqies li ma tirriskontra ebda vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8 fil-konfront tad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' fir-rigward tar-rikorrenti. Hija tal-fehma soda li hawn qed jintlaħaq bilanċ ferm proporzjonat bejn id-dritt ta' l-individwu għall-ħajja privata u familja sanċit taħt l-artikolu 8 u dak tas-soċjeta' in generali. Bir-rispett kollu huwa kwazi infantili l-argument tar-rikorrenti mara li l-Istat m'għandux dritt jindaħliha meta hi jkollha t-tfal, għax huwa l-istat li qed joffrilha l-għajnuna għalhekk, u fil-maġġor parti stante is-sistema ta' saħħa f'pajjiżna u l-faċilitajiet offruti, hi se tibqa tagħmel impatt u tiddependi minn din l-istess sistema jekk tinkoza fi problemi mediċi

Pero ma tistax hawn il-Qorti ma tissimpatizax mar-rikorrenti għal lanjanza tagħhom fil-konfront tad-diċitura użata fil-Protokol, riferibbilment l-artikolu 6, għax fil-verita' il-kelma ***"desirable"*** tagħti lok għal interpretazzjoni aktar wiesgħa u tħalli ċerta inċertezzi f'dak li għandhom ikunu il-linji regolatorji. Jekk l-eta' massima hija ta' 42, jew kwalunkwe eta' oħra stipulata, **dan kellu u għandu jkun hekk kjarament stabbilit salv eċċezzjonijiet determinati.**

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.**

Ir-rikorrenti jressqu żewġ tipi ta' ilmenti ta' diskriminazzjoni waħda li huma qed jiġu diskriminati fil-konfront ta' nies ta' l-eta' tagħhom li jagħżlu li jkollhom

it-tfal **bla** għajnuna ta' assistenza medika kif inhi l-prokreazzjoni assistita u l-oħra għaliex ma jistgħux jirrikorru għal dan fl-esteru fejn l-eta' massima tal-mara hija aktar għolja għaliex m'għandhomx il-finanzi għal dan.

Jibda biex jintqal li llum il-Qorti Ewropea żvillupat il-kazistika tagħha fis-sens li ssib leżjoni ta' l-artikolu 14 anke jekk mhux abbinat ma ' dritt ieħor sanċit. Naraw illi fil-Belgian Linguistic Case ġia fis-sena 1968 *"..the Court recognised that there could be a breach of Article 14 even if there is no breach of another Article ....Viewed overall the jurisprudence indicates that the Court has been disinclined to address Article 14 where another violation has benn established .... "*[47]

Aktar tard l-istess awturi jkomplu illi *" The 'reach ' of Article 14 is restricted to discrimination only with respect to the rights anf freedoms set out elsewhere in the Convention.*[48] *So. As a parasitic provision Article 14 is not a general prescription against every kind of discrimination. Thus were a right falls outside the Convention, ... in theory a State has no obbligation against discrimination. ...*

*In particular an applicant may establish a violation of Article 14, even though he cannot show or does not even claim a violation of another Article, provide that the claim falls within the ambit of a Convention right. This is possible as the Court has held that the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention."*[49]

---

[47] **Harris, o'Boyle and Warbrick**; **Law of the EuropeanConvention on Human Rights**; 4th edition page765

[48] Those proocols to the Convention which contain new substantive rights all provide that they shall be regarded as additional rights to the Convention iitself and, accordingly, persons are protected by article 14 in the enjoyment of them: see Article 5, First Protocol; Article 6(1) Fourth Protocol; Article 6, Sixth Protocol; Article 7(1), Seventh Protocol; Article 5, Thirteenth Protocol.

[49] Ibid. Page 767

Biex ma tirnexxiex talba taħt din il-vjolazzjoni allegata *" The State has to justify preferential treatment if situations are analogous, that is to say 'persons in releventlyy similar situations'.* Alternattivament *"So an applicant will need to avoid the Court being able to conclude that their position (and the position of poeple like them) cannot be said to be similar to, that is 'analogous' to the situation of poeple in the group they have identified as enjoying more favourable treatment."*

Mil-lat ta' ġurisprudenza nostrali naraw illi-;

*"46. Il-Qorti Ewropea fir-rigward ta' dan l-artikolu konvenzjonali osservat hekk:*

*"32. Article 14 (Article 14) provides: "The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status." The Court's case-law shows that, although Article 14 has no independent existence, it may play an important autonomous rôle by complementing the other normative provisions of the Convention and the Protocols: Article 14 (Article 14) safeguards individuals, placed in similar situations, from any discrimination in the enjoyment of the rights and freedoms set forth in those other provisions. A measure which, although in itself in conformity with the requirements of the Article of the Convention or the Protocols enshrining a given right or freedom, is of a discriminatory nature incompatible with Article 14 (Article 14) therefore violates those two Articles taken in conjunction. It is as though Article 14 (Article 14) formed an integral part of each of the provisions laying down rights and freedoms (judgement of 23 July 1968 in the "Belgian Linguistic" case, Series A no. 6, pp. 33-34, para. 9;*

*National Union of Belgian Police judgement of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 19, para. 44).*"[50]

Ukoll-:

*"Kif affirmat, kemm fil-gurisprudenza lokali, kif ukoll f'dik Ewropea:*

*"......... the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analagous situations without providing an objective and reasonable justification."[ECHR Wessels-Bergovoet v. The Netherlands, deciza 4 Settembru 2002; ECHR Rik. Kost. 39/10 Frette v France, deciza 26 Frar 2002, para.34; u Zarb Adami v. Malta, deciza 20 Gunju 2006; u wkoll, QK Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali – deciza 24 Gunju 2011].*

*Fil-kaz in dizamina ma giet allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi mottiv ta' status kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel Qorti ma indikat ebda motiv formanti l-bazi tad-diskriminazzjoni,*
*……….. Il-Qorti tosserva li mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati [Ara Kaz Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz Carson u Ohrajn v. UK § 61, ECHR Grand*

[50] Kostituzzjonal 24/04/15; **Joachim sive Jack Galea vs A.G. et.** App. Nru. 17/ 200/1

*Chamber, 16 Marzu 2010; Q Kost i Bi c i v. Av Ġ li , 24 Ġunju 2011; Q. Kos. Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali 28 Settembru"*[51]

Ukoll-;

*"Diskriminazzjoni giet definita bhala:*
*the different treatment without an objective and reasonable justification of persons in analogous or relevantly similar situations (**Kiyutin vs Russia**, ECHR 10/03/2011) Indeed the matter was further explained by the ECJ in its decision in Case C 391/97 re **Frans Gschwind and Finanzamt Aachen-Aubenstadt** namely that : "it is settled law that discrimination arises through the application of different rules to comparable situations or the application of the same rule to different situations."*[52]

Aktar riċenti il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat d-deċiżjoni li ngħatat minn din il-Qorti diversament preseduta fejn saret analiżi dettaljat taż-żewġ artikoli invokati, fl-ismijiet **Maria theresa Cuschieri vs Avukat Generali**[53] fejn intqal:-

"Illi l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jimponi l-obbligu li hadd ma ghandu d-dritt jiddiskrimina fuq bazi ta' sess. Madankollu dan il-prinċipju fundamentali għandu eċċezzjonijiet tieghu. L-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jelenka sitwazzjonijiet fejn diskriminazzjoni hija ġustifikata.

"Illi l-**Art 45 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi testwalment li:-

---

[51] Qorti Kostituzzjonali **Ian Peter Elis u Elizabeth Scilio vs Avukat Generali** Deċiża 24 .06.16 rikors nru 30/10JZM;
[52] Rikors 29/2017 **Raymond Mifsud vs Avukat Generali**; 27/06/2018
[53] Deċiża 26/01/2018 rikors nru. 52/16ISO

“"**(1)** *Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta’ dan l-artikolu ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti taghha.*

*-omissis-*

*(3)F'dan l-artikolu l-kelma “diskriminatorju” tfisser “ghoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ... is-sess li minhabba fiha persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom ...”.*

*“Illi pero’ sabiex japplika l-istess* **artikolu 45 (1)** *xorta ma jridx ikun kaz li jaqa’ taht is-***subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu,** *tant li l-istess subartikolu jaghmel eccezzjoni ghalihom fl-istess* **subartikolu (1).**

*“Illi jrid jinghad ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza “***Rose Anne Galea vs L-Onorevoli Prim Ministru***” (Q.K. 11 ta’ April 1995) spjegat li:*
*““Il-Kostituzzjoni taghna tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b’mod aktar specifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet ohra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nfisha, li hija kkonsidrata bhala bazi tal-azzjoni u allura m’hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew liberta` fondamentali iehor; m’hemmx bzonn ta’ abbinament ta’ zewg normi li jiggarantixxu drittijiet fondamentali”*

.

*“Illi l-***Artikolu 14** *tal-Konvenzjoni Ewropea, jipprovvdi li:*
*““It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma*

*huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."*

*"B'riferenza ghall-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil ""Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

*"Illi ghalhekk din il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni hija ben differenti mill-provedimenti analogu il-**Kap 319** stante li skont l-istess Kostituzzjoni it-trattament non-diskriminatorju fuq ir-ragunijiet hemm indikati, huwa prottett fih innifsu, u ksur tal-istess artikolu jimporta ksur tal-istess dritt, minghajr ma jehtieg li jkun hemm ksur ta' dritt fundamentali iehor fl-istess Kostituzzjoni.*

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni sostantiva tal-**Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni** u **tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni:***

*""l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered*

*similar to that of persons who have been better treated". Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-uzu tal-kelma "similar" u mhux il-kelma "identical".*

*"Kif gie mfisser fil-kaz* ***Wessels-Bergervoet vs the Netherlands*** *deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 :*
*"46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification (see Thlimmenos, cited above, § 44)." Hekk ukoll "only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see* ***Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen v. Denmark****, 7 December 1976, § 56, Series A no. 23); "there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (****D.H. and Others v. the Czech Republic*** *[GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, u* ***Burden v. the United Kingdom*** *[GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008); u "Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized." (****Carson and Others v United Kingdom*** *- Grand Chamber)*

.

*"Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet* ***Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija*** *(fuq citat ante n 15) kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' 'diskriminazzjoni' taht l-****Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni*** *meta pprecizat illi "naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu. jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika,*

*sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens,* ***"Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni****" - Prim Awla, Sede Kost - 14/07/75);* ***"Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et****" - ga citata). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali i jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti"*

*Omisis*

"Hekk fil-kaz **Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", Q.K. deciza fis-16 ta' Awwissu 1976** gie ribadit li :

*"Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata...Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat.".*

**Ikkonsidrat**

Illi għalkemm ir-rikorrenti jħossu d-diskriminazzjoni minnhom mistqarra dik ta' l-eta' u dik finanzjara, ma ressqu ebda prova li din fil-fatt qed tokkorri fil-konfront tagħhom. Il-Qorti ma taf b'ebda sitwazzjoni, anke minn dak li xehdu r-rappresentanti ta' l-Awtorita', fejn applikanti għal din il-proċedura medika ta' l-istess eta' tar-rikorrenti mara, ġew avvantaġjati a kuntrarju tagħha. Ġiet fil-

fatt esebita lista li turi r-rifjuti li tat l-Awtorita', a bażi anke ta' eta' massima ukoll minima.[54] Lanqas ma jistgħu r-rikorrenti jilamentaw illi nisa oħra ta' l-eta tas-sinjura Lia jkollhom it-tfal meta jridu jekk dana jiġri b'mod naturali, anke jekk ta' eta' akbar, sempliċement għaliex dawn mhux qed jirrikorru għal assistenza medika minnhom imfittxa. F'dak li jiprospettaw huma ma jirrizultax sitwazzjoni analoga jew simili u l-paragun *"like with like"* imsemmi mill-intimati, biex jista jingħad li qed issir diskriminazzjoni kontrihom.

Lanqas ma huwa diskriminatorju l-fatt lir-rikorrenti Lia finanzjarjament ma jifilħux jirrikorru barra minn pajjiżna għal dan it-trattament, għaliex fil-fatt kull minn qiegħed fil-*bracket* finanzjara tagħhom jaf jirriskontra dan l-impediment. Anzi kien preċiżament biex tingħata għajnuna finanzjarja li din il-prokreazzjoni assistita ġiet introdotta għax kif inhu risapput ħafna u bosta Maltin kienu qed jirrikorru għaliha barra minn xtutna, b'piż kbir finanzjarju għalihom, qabel ma l-liġi daħħlet fis-seħħ. Fil-fatt illum naraw li l-emendi l-ġodda anke jippermettu li jinġabu f'pajjiżna embrijuni[55] li huma priservati barra minn Malta biex hekk jonqos il-piż finanzjarju fuq il-ġenituri prospettivi.

Huwa fermement meqjus minn din il-Qorti illi la bil-promulgazzjoni tal-Protokoll u lanqas bil-mod kif qed jiġi interpretat ma hemm lezjoni Kostituzzjonali u/jew Konvenzjonali għaliex ġie milħuq il-bilanċ meħtieġ u ma hemm ebda diskriminazzjni riskontrata fih.

[54] Dok SA Folio 402.
[55] Artikoliu 7(5) ta' l-Att XXIV tas-Sena 2018.

**Tenut dak kollu premess din il-Qorti taqta u tiddeċiċi billi fl-ewwel lok tilqa l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa u tillibera lil Avukat Generali mill- osservanza tal-gudizzju;**

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni mressqa**

**Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Inkwantu għal dak deċiż l-ispejjeż għandhom ikunu tlett kwarti a karigu tar-rikorrenti u kwart a karigu ta' l-intimati.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**